MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2010

Numru. 1292/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**

**vs**

**Melchisedech Gusman, ta' 19 il-sena bin Eugenio u Carmen nee` Cassar, imwieled Pieta`, nhar is-7 ta' Lulju 1990, u residenti No 61, 'Melcam', Triq il-Qasam Sperimentali, Luqa, detentur tal-karta ta' l-identita` b'numru: 325390M**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoniji migjuba kontra l-imputat Melchisedeck Gusman u cioe` talli ghall-habta ta' xi l-22:00HRS ta' nhar it-08 ta' Novembru 2009, gewwa Triq Isouard Marsa:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-

sahha, u cioe` offiza ta' natura gravi fil-gisem jew fis-sahha ta' Steve Bazine, liema hsara tista' ggib debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew difett permanenti f'parti ta' l-ghamla tal-gisem jew inkella marda permanenti tal-mohh, u dan skond ma iccertifikaw Dr. Eric Scerri MD (Reg 1686) mill-Isptar Mater Dei, Msida u dan bi ksur ta' l-Artikolu 214 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammisjoni tal-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tad-9 ta' Dicembru, 2009;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, l-fedina penali nadifa tieghu u l-fatt illi l-imputat hallas l-ammont kollu dovut lill-parte leza li minn naha tieghu hafer lill-imputat ghall-akkadut.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 il-Qorti tillibera lill-hati bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mill-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberta taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------